# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 22**

**Rikors Numru 61/15 JZM**

**Riċevitur Uffiċjali fil-kapaċita` tiegħu ta' stralċjarju tal-kumpannija Smart Malta ICT Limited [C-41884] skond digriet datat 30 ta' Marzu 2010**

**v.**

**i. Steve Alamango**
**ii. Geoffrey Farrugia**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat li l-attur ippreżenta fit-23 ta' Jannar 2015, u li jaqra hekk:

"i. Illi l-kumpannija Smart Malta ICT Ltd. (C-41884) kienet giet registrata fis-17 ta` Lulju 2007. L-ewwel azzjonisti kienu l-intimati Steve Alamango [ID 210384M] u Geoffrey Farrugia [ID 366483M] li t-tnejn li huma kienu detenturi ta` mitejn u hamsin (250) ishma Ordinarja ta` €2.329373 kull wiehed. L-istess intimati kienu l-unici diretturi u rapprezentanti legali u guridici tal-kumpannija imsemmija filwaqt illi l-intimat Steve Alamango

okkupa l-kariga tas-segretarju tal-kumpannija. Kopja tal-istatut tal-kumpannija Smart Malta ICT Ltd qed jigi ezibit u mmarkat bhala "DOK RU1" ;

"ii. Illi l-kumpannija Smart Malta ICT Ltd (C-41884) giet xolta fi stat ta` insolvenza permezz ta` digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fit-30 ta` Marzu 2010 [kopja legali ezibita bhala "DOK RU2"] b` effett mit-30 ta` Settembru 2009 u dan skont l-Artikolu 223 (1) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta wara rikors illi kien sar mill-kumpannija Gutenberg Press Limited (C 8936) ;

"iii. Illi din l-Onorabbli Qorti hatret lir-rikorrent bhala stralcjarju tal-kumpannija Smart Malta ICT Ltd. bis-setghat u d-dmirijiet kollha skont l-Artikolu 228 et seq tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta b`dan illi r-rikorrent inghata wkoll, bla hsara ghall-generalita` ta` dawk is-setghat u dmirijiet :-

"a. Wara li jikseb dikjarazzjoni fuq il-qaghda tal-kumpannija intimata kif irid l-Artikolu 226 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta jaghmel rapport lill-Qorti kif irid l-Artikolu 227 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;

"b. Jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-intimata u dwar il-gradwazzjoni tad-djun ;

"c. Jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija intimata kif jghid u jrid l-Artikolu 237 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;

"d. Jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija intimata ;

"e. Jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal-kumpannija intimata ;

"f. Jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard minn tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza.

"iv. Illi in adempjenza tal-inkarigu moghti lilu, ir-Ricevitur Ufficjali hejja rapport bid-data tad-19 ta` Novembru 2012 illi jinsab ezibit fl-atti tar-rikors numru 944/2009 JZM fl-ismijiet "Gutenberg Press Ltd (C-8936) vs. Smart Malta ICT Ltd. (C-41884) [kopja tar-rapport flimkien ma` nota annessi u mmarkati "DOK RU3"].

"Minn dan ir-rapport, in sintesi, johorgu "inter alia", is-segwenti punti :

"a. Illi inizjalment wara l-hatra tal-istralcjarju, l-ebda wiehed mill-intimati ma ghamel kuntatt mal-istess stralcjarju jew issottometta d-dikjarazzjoni fuq il-qaghda finanzjarja tal-

kumpannija hekk kif kontemplat fl-artikolu 226 tal-Lap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;

“b. Illi wara illi b`diffikulta` kbira saret laqgha wahda mal-intimati, fejn dawn weghdu illi kienu sejrin jassistu lis-stralcjarju billi jimlew formola bil-qaghda finanzjarja tal-kumpannija, din il-formola qatt ma waslet ghand l-istralcjarju sal-gurnata tal-lum ;

“c. Illi l-intimati kienu stqarru illi l-kumpannija Smart Malta ICT Ltd ma kellix assi, kellha d-djun u izda qalu illi kellha tigbor flus minn ghand terzi. Weghdu illi jghaddu d-dettalji dwar id-dejn u d-debituri izda din l-informazzjoni qatt ma waslet ;

“d. Illi mir-ricerka illi ghamel l-istralcjarju mal-banek ewlenin, mad-Dipartient tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u mir-Registru tal-Qorti, ma jirrizulta minn imkien illi kien hemm xi debituri.

“iv. Illi nonostante diversi tentattivi sabiex isiru laqghat u tintbaghat l-informazzjoni mitluba, l-intimati, cioe` d-diretturi tal-kumpannija Smarrt Malta ICT Ltd urew dizinteress totali sal-gurnata tal-lum ;

“v. Illi mid-dokumenti registrati ghand ir-Registratur tal-Kumpanniji, jirrizulta illi wara illi giet iffurmata l-kumpannija Smart Malta ICT Ltd, id-diretturi taghha la qatt baghtu “audited financial accounts” u lanqas qatt baghtu “annual returns” biex b`hekk naqsu milli josservaw obbligi impost fuqhom mill-ligi fosthom dawk impost fuqhom mill-Artikoli 167, 176, 178, 181, 183 u 184 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta. Qed jigi ezibit estratt mis-sit elettroniku tar-Registratur tas-Socjetajiet illi qed jigi mmarkat “DOK RU4”. Isegwi ghalhekk illi kisru obbligazzjonijiet imposti fuqhom mill-Kap.372 u Kap. 406 tal-Ligijiet ta` Malta kif sejjer jigi ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors ;

“vi Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jidher li d-diretturi ma kinux izommu kotba finanzjarji tal-kumpannija, u fil-fatt huma naqsu milli jibghatu l-“audited financial statements” ; dan huwa nuqqas gravi da parti tal-intimati li sahansitra jista` jrendihom hatja tar-reat kontemplat fl-Artikolu 314 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;

“vii. Illi mill-ftit informazzjoni illi rnexxilu jigbor ir-rikorrent fil-qadi ta` dmirijietu - u dan minhabba nuqqas ta` koperazzjoni min-naha tal-intimati u min-nuqqas ta` dokumentazzjoni illi l-intimati kienu obbligati illi jibghatu lir-Registratur tal-Kumpanniji u lir-Ricevitur Ufficjali- jidher evidenti illi l-intimati ffurmaw il-kumpannija, ghamlu negozju limitat, tellghu dejn ma` xi kredituri f`temp ta` ftit xhur, ma hallsux id-dejn u mghamlu assolutament xejn sabiex

jippruvaw isalvaw il-kumpannija jew jimminimizzaw il-pregudizzju lill-istess kredituri meta kienu jafu jew misshom kienu jafu illi ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpannija setghat tevita x-xoljiment minhabba l-insolvenza taghha. Dan kien gja gie prospettat fir-rapport preliminari tal-esponenti datat 19 ta` Novembru 2012 :-

> "Mill-istharrig preliminari jirrizulta li d-diretturi tal-kumpannija xolta ma mxewx skond ir-regoli u l-ligijiet kif dettati mill-Kap. 368, tul iz-zmien minn wara r-registrazzjoni tal-kumpannija sad-data tax-xoljiment …
>
> "Nuqqasijiet bhal dawn ma jwasslu ghal xejn hlief li jqanqlu suspetti f`mohh l-istralcjarju u ferm u ferm aktar f`mohh il-kredituri tal-kumpannija xolta".

"vii. Illi mill-fatti fuq esposti u minn fatti li sejrin jirrizultaw fil-kors tat-trattazzjoni u l-gbir tal-provi quddiem din l-Onorabbli Qorti, ghandu jirrizulta illi d-diretturi intimati kisru l-obbligi mposti fuqhom mill-ligi fosthom dawk kontemplati fl-Artikoli 314 u 316 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta ;

"Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrent umilment jitlob illi din l-Onorabbli Qorti, sabiex prevja dikjarazzjoni illi :-

"a) Il-kumpannija Smart Malta ICT Ltd (C-41884) ma zammitx "records" ta` kontijiet xierqa matul iz-zmien ta` sentejn minnufih qabel ix-xoljiment effettiv taghha u illi fil-mument tax-xoljiment taghha, ma setghetx thallas lill-kredituri taghha ; u

"b) L-intimati kienu jafu, jew kellhom ikunu jafu qabel ix-xoljiment insolventi tal-kumpannija Smart Malta ICT Ltd (C-41884) li ma kienx hemm prospett xieraq li l-imsemmija kumpannija Smart Malta ICT Ltd (C-41884) setghat tevita x-xoljiment minhabba l-insolvenza taghha

"Joghgobha :-

"1. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli illi jaghmlu pagament favur l-attiv tal-kumpannija f`somma mhux inferjuri ghal dik ta` hamsin elf tmin mija tlieta u sittin Euro (€50,863), flimkien ma` imghaxijiet ulterjuri sad-data tad-decizjoni ta` dan ir-rikors, jew/u kwalsiasi somma ohra illi jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti fic-cirkostanzi, sabiex b`hekk ta` l-inqas jigu kopert d-dejn, spejjez u imghax illi soffrew il-kredituri u jigu mhallsa d-drittijiet u spejjez konnessi ma` dan ir-rikors u mal-procedura kollha tal-istralc tas-socjeta` Smart Malta ICT Ltd u dan a tenur tal-Artikolu 316(2) tal-Kap. 386 tal-Ligijjiet ta` Malta.

"Bl-ispejjez kontra l-intimati."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Geoffrey Farrugia li in forza tagħha eċċepixxa illi:

"1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili kif ukoll a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

"2. Illi bla hsara ghall-premess, ma jikkonkorrux ir-rekwiziti mehtiega mill-ligi biex l-azzjoni attrici tirnexxi.

"3. Illi bla hsara ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk ghandhom jigu respinti.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Steve Alamango li in forza tagħha eċċepixxa illi:

`

"**<u>Dikjarazzjoni tal-Fatti</u>**

"1. Illi l-fatti dikjarati fl-ewwel tliet paragrafi tar-rikors promotur mhumiex kontestati.

"2. Illi l-fatti kif esposti fil-paragrafi sussegwenti tar-rikors promotur huma kontestati u jridu jigu pruvati.

"3. Illi l-eccipjent jaf bil-fatti suesposti personalment.

"**<u>Eccezzjonijiet</u>**

"Ghaldaqstant il-konvenut jeccepixxi bir-rispett :-

"1. Preliminarjament illi l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 u/jew 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma jikkonkorrux l-elementi tal-Artikolu 316 tal-Kap. 386.

"3. Illi anke li kieku, dato ma non concesso, kienu jikkonkorru l-elementi tal-Artikolu 316 tal-Lap 386. L-eccipjent mhuwiex responsabbli personalment, u dan kif ser jigi pruvat tul is-smigh tal-kawza.

"4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke li kieku dato ma non concesso, kienu jikkonkorru l-elementi tal-Artikolu 316 tal-Kap 386, il-pagament favur l-attiv tal-kumpannija mill-konvenuti jew min minnhom jista` jigi limitat biss ghad-danni li setghet soffriet il-kumpannija Smart Malta ICT Limited minhabba l-allegat agir in vjolazzjoni tal-Artikolu 316, u mhux ghad-dejn kollu tal-kumpannija kif mitlub mill-attur noe.

"5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke li kieku dato ma non concesso, kienu jikkonkorru l-elementi tal-Artikolu 316 tal-Kap 386, in konnessjoni mar-raba` eccezzjoni, jispetta lill-attur noe jipprova x`danni effettivament soffriet il-kumpannija minhabba l-allegat agir in vjolazzjoni tal-Artikolu 316 tal-Kap 386.

"6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke li kieku dato ma non concesso, kienu jikkonkorru l-elementi tal-Artikolu 316 tal-Kap 386, il-pagament li ghandu jithallas favur l-attiv tal-kumpannija zgur ma jeccedix l-ammont ta` EUR 50,863 u/jew somma verjuri kif mitlub fl-ewwel talba tal-attur noe ghaliex zgur ma kienx hemm dannu simili kkawzat lill-attiv tal-kumpannija u ghalhekk it-talba kif dedotta ma tistax tintlaqa`.

Rat li l-ewwel Qorti idderiġiet lill-partijiet sabiex, f'dan l-istadju, iressqu provi limitati għall-ewwel eċċezzjoni (dik ta' preskrizzjoni) taż-żewġ konvenuti;

Rat is-sentenza relattiva li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Marzu, 2016, li in forza tagħha ddeċidiet il-materja fis-sens billi:

"**Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Geoffrey Farrugia, u cioe` l-preskrizzjoni tal-azzjoni tar-rikorrent skont l-Art 2153 tal-Kap 16, u l-preskrizzjoni tal-azzjoni tar-rikorrent skont l-Art 2156(f) tal-Kap 16.**

"**Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Steve Alamango, u cioe` l-preskrizzjoni tal-azzjoni tar-rikorrent skont l-Art 2153 tal-Kap 16 u l-preskrizzjoni tal-azzjoni tar-rikorrent skont l-Art 2156(f) tal-Kap 16.**

**Tordna lill-intimati Geoffrey Farrugia u Steve Alamango sabiex ihallsu l-ispejjez kollha relatati mad-decizjoni tal-lum.**"

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**<u>Wara</u>** li rat l-atti tal-kawza tal-lum **<u>inkluz</u>** l-atti tal-procediment fl-ismijiet *Gutenberg Press Ltd v. Smart Malta ICT Limited (Rik. Nru. 944/09 JZM)* ;

"**<u>Wara</u>** li semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet ;

"**<u>Wara</u>** li rat il-gurisprudenza citata,

"**<u>Il-Qorti</u> ghandha dan xi tghid :-**

**1) <u>Dritt</u>**

"**L-azzjoni tar-rikorrent kienet intavolata abbazi tal-<u>Art 316 tal-Kap 386</u>.**

"Fit-test bil-Malti, id-disposizzjoni shiha taqra hekk :-

"***(1) Id-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu japplikaw meta kumpannija tkun giet xolta u tkun insolventi u jkun jidher li persuna li kienet direttur tal-kumpannija <u>kienet taf, jew kellha tkun taf qabel</u> ix-xoljiment tal-kumpannija, li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpannija setghat tevita x-xoljiment minhabba l-insolvenza taghha.***

"*(2) Il-qorti, fuq ir-rikors tal-istralcjarju ta` kumpannija li ghaliha japplika dan l-artikolu, tista` tiddikjara li persuna li kienet direttur kif imsemmi fis-subartikolu (1) tkun responsabbli li taghmel **<u>pagament favur l-attiv</u> tal-kumpannija** kif il-qorti jidhrilha xieraq.*

"*(3) Il-qorti ma ghandhiex tilqa` rikors taht dan l-artikolu jekk tkun sodisfatta li l-persuna li kienet direttur **<u>kienet taf</u>** li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpannija setghet tevita x-xoljiment minhabba l-insolvenza taghha u skont dan tkun hadet kull pass li kellha tiehu sabiex tnaqqas it-telf potenzjali ghall-kredituri tal-kumpannija.*

"***(4) Ghall-finijiet tas-subartikoli (2) u (3), il-fatti li direttur ta` kumpannija ghandu jkun jaf jew jaccerta ruhu minnhom, il-konkluzjonijiet li ghandu jilhaq, u l-passi li ghandu jiehu huma dawk li jkunu maghrufa jew accertati, jew li jintlahqu jew jittiehdu, minn persuna li <u>b`mod ragonevoli tkun diligenti</u> li jkollha kemm -***

“*(a) it-taghrif generali, hila u esperjenza li b`mod ragonevoli jkunu mistennija minn persuna li tmexxi l-istess funzjonijiet kif jitmexxew minn jew moghtija lil dak id-direttur fir-rigward il-kumpannija ;*

“***kif ukoll***

“*(b) it-taghrif generali, hila u esperjenza li ghandu d-direttur.*

“*(5) Ghall-finijiet ta` dan l-artikolu, direttur jinkludi persuna li skont id-direzzjoni jew istruzzjonijiet taghha d-diretturi tal-kumpannija normalment jagixxu.*

“(**enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti**)

“Fit-test bl-Ingliz, id-disposizzjoni taqra hekk :-

“*(1) The provisions of this article shall apply where a company has been dissolved and is insolvent and it appears that a person who was a director of the company knew, or ought to have known prior to the dissolution of the company that there was no reasonable prospect that the company would avoid being dissolved due to its insolvency.*

“*(2) The court, on the application of the liquidator of a company to which this article applies, may declare the person who was a director referred to in subarticle (1) liable to make a payment towards the company`s assets as the court thinks fit.*

“*(3) The court shall not grant an application under this article if it is satisfied that the person who was a director knew that there was no reasonable prospect that the company would avoid being dissolved due to its insolvency and accordingly took every step he ought to have taken with a view to minimising the potential loss to the company`s creditors.*

“*(4) For the purposes of subarticles (2) and (3), the facts which a director of a company ought to know or ascertain, the conclusions which he ought to reach and the steps which he ought to take, are those which would be known or ascertained, or reached or taken, by a reasonably diligent person having both -*

“*(a) the knowledge, skill and experience that may reasonably be expected of a person carrying out the same functions as are carried out by or entrusted to that director in relation to the company ; and*

“*(b) the knowledge, skill and experience that the director has.*

“*(5) For the purposes of this article, "director" includes a person in accordance with whose directions or instructions the directors of the company are accustomed to act.*

"Jidher illi l-mudell ta` din id-disposizzjoni kien l-**Art 214 tal-Insolvency Act 1986** tar-Renju Unit, ghalkemm il-legislatur Malti ma ttrasportax fil-ligi taghna d-disposizzjoni tal-Insolvency Act 1986 fl-intier taghha.

"Ghall-fini tad-decizjoni tal-lum, tajjeb li jigi osservat illi l-Art 316 jaghmel parti mill-Kapitolu V tal-Kap 386 li jittratta *reati qabel xoljiment jew waqt l-istralc.*

"Tajjeb jinghad ukoll li ghalkemm l-Art 316 jaghmel parti mill-Kapitolu V, il-legislatur ma stabilixxa l-ebda piena kriminali jekk jirrizulta ppruvat dak li tghid id-disposizzjoni. Il-legislatur m`ghamilx l-istess fil-kaz ta` kummerc bi frodi (Art 315) ; hemm impona piena kriminali. L-istess ghamel fil-kaz ta` disposizzjonijiet ohra fl-istess kapitolu.

"**Ghalkemm it-tul ta` l-preskrizzjoni ma tistax tigi determinata skont in-natura tal-piena propju ghaliex piena ma hemmx fil-kaz tal-Art 316, jibqa` l-fatt li l-Legislatur xorta wahda deherlu li kellu jittratta l-kummerc hazin bhala "reat" skont il-Kapitolu V. Din il-kostatazzjoni tassumi rilevanza meta l-Qorti tigi biex tittratta specifikament l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom l-intimati nvokaw il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici.**

"**2) Il-prova tal-preskrizzjoni**

"Fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza **"Stencil Pave (Malta) Ltd vs Dr. Maria Deguara noe**" kien ritenut illi –

> *"hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista` tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib `il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa` principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq".*

"(ara wkoll "**Holland noe vs Chetcuti**" – Qorti tal-Appell – 25 ta` Frar 2000 ; "**Vella vs Cefai**" – Qorti tal-Appell - 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Portelli vs Psaila" -** Prim`Awla tal-Qorti Civili - 29 ta` Mejju 2003 ; "**Causon noe vs Sheibani**" – Qorti tal-Kummerc – 4 ta` Dicembru 1987 ; "**Camilleri vs Frendo**" (Kollezz. Vol. XII.144) ; "**Borg vs Testaferrata Bonici**" – Qorti tal-Appell – 24 ta` Marzu 1958).

"In partikolari fis-sentenza "**Causon vs Sheibani noe**" il-Qorti qalet –

> "*Illi min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le*".

“Wara li l-eccipjent jaghmel il-prova, ikun imbaghad imiss lill-attur illi jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni ma jkunx ghadda (ara “**Calleja vs Vella**” – Qorti tal-Appell – 15 ta` April 1964).

“**3) Tifsira restrittiva**

“Il-preskrizzjoni ghandha tinghata nterpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni (**“Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited”** deciza minn din il-Qorti fit-12 ta` Ottubru 2004, u **“Ellul noe vs Vella noe”** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta` Mejju 2001). Il-preskrizzjoni hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b`mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.

“**4) Dekorrenza**

“**L-Art 2137 tal-Kap.16** ighid –

*“Bla hsara ta` disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta` azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista` tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies ta` l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha l-azzjoni tmiss.*

“Huwa principju tad-dritt illi d-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi determinabbli oggettivament (“**Scicluna vs Tracey**” : Qorti tal-Appell : 22 ta` Gunju, 1900 [Vol.XVII.I.151] ; u “**Caruana vs Runza**” – PA - 7 ta` Mejju, 1999).

“L-awturi **Baudry-Lacantinerie u Tissier** (*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile : Della Prescrizione* - Cap XII, para 364 pag 279) jaffermaw illi –

> *“Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e` nato il diritto o l`azione che e` destinata ad estinguere.”*

“Izjed `l quddiem (para 393 bis, pag 306, op.cit.) ighidu hekk –

> *“La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell`evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale”*

“**5) Interruzzjoni**

L-interruzjoni tal-preskrizzjoni tkun tirrizulta jekk issir il-prova tal-presentata u notifika ta` att gudizzjarju kontra d-debitur (ara l-**Art 2128 tal-Kap 16**). Inkella ssir il-prova li bl-imgieba tieghu, id-debitur iqieghed

lilu nnifsu go sitwazzjoni li tirrendi nkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni.

"**6)** **<u>L-Art 2153 tal-Kap 16</u>**

"L-**<u>Art 2153 tal-Kap 16</u>** jaqra :-

"*L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b`reat taqa` bi preskrizzjoni bl-eghluq ta` sentejn*.

"Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi din id-disposizzjoni ma tistax tigi nvokata fil-procediment tal-lum.

"**Dan tal-lum huwa procediment *sui generis* volut minn *lex specialis* u cioe` il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

"Ghal dan il-procediment ma tistax tigi estiza l-preskrizzjoni tas-sentejn skont id-disposizzjoni citata mill-intimati ghal zewg ragunijiet ewlenin.

"**<u>Fl-ewwel lok</u>**, din tal-lum mhijiex azzjoni ghal *hlas ghal hsarat* komunement maghrufa bhala *danni.*

"Minn qari akkurat tal-**<u>Art 316(2) tal-Kap 386</u>**, jirrizulta li jekk il-Qorti ssib li huma sodisfatti r-rekwiziti tas-subartikolu (1) allura dak li ***<u>tista</u>***` taghmel il-Qorti huwa li *tiddikjara li persuna li kienet direttur … tkun responsabbli li taghmel **<u>pagament</u>** favur l-attiv tal-kumpannija kif il-qorti jidhrilha xieraq.*

"Id-disposizzjoni mhijiex titkellem dwar *hlas ghal hsarat* izda dwar *pagament.*

"Il-kwistjoni mhijiex wahda ta` *what`s in a name* izda wara l-uzu tal-kelma *pagament* hemm hsieb car u manifest ta` x`ried il-Legislatur.

"**Huwa evidenti illi l-Legislatur ma riedx illi jkun hemm kwantifikazzjoni ta` danni skont il-parametri previsti mill-Kap 16 izda ried ihalli lill-Qorti <u>diskrezzjoni</u> illi anke fil-kaz li tkun sodisfatta li jirrizultaw ir-rekwiziti tas-subartikolu (1) tkun il-Qorti (a) li taghzel li jsir pagament u (b) jekk taghzel li jsir hekk, kemm ghandu jkun il-quantum.**

"Il-*lex generalis* tad-danni skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 16 mhux hekk tahdem.

"Ghalhekk dawk id-disposizzjonijiet mhux applikabbli ghall-kaz tal-lum.

"**<u>Fit-tieni lok</u>**, abbazi tal-*lex specialis* dak kontemplat mill-Art 316 huwa *reat* kif fissret il-Qorti aktar kmieni. Anke ghalhekk l-Art 2153 tal-Kap 16 ma jistax jigi nvokat.

“**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Art 2153 tal-Kap 16.**

**7) <u>L-Art 2156(f) tal-Kap 16</u>**

“Il-Qorti sejra tibda in linea generali.

“Dwar il-preskrizzjoni skont l-Art 2156(f) inghad fil-kawza **<u>“Saliba et vs Grech”</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta` Frar 1949 illi -

> *“… fejn fl-artikolu 2156(f) jinghad “ghall-hlas ta` kull kreditu iehor…” dik il-kelma “iehor” turi bic-car illi l-legislatur qieghed jikkommetti din id-disposizzjoni mas-sezzjonijiet precedenti, fejn huma ndikati krediti specifici w ghalhekk dak il-kreditu ghandu jkun eiusdem generis skond ir-regola komunement accettata fil-gurisprudenza.”*

“Huwa ghalhekk principju stabbilit fil-gurisprudenza li l-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2156(f) hija soggetta ghal interpretazzjoni *eiusdem generis*. Ghaldaqstant, il-kelma “kreditu” minhabba fir-restrizzjoni tar-regola ta` interpretazzjoni ta` *eiusdem generis*, tigbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess natura bhal jeddijiet l-ohra msemmija fl-Art 2156.

“Dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta` krediti - il-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali. Ta` l-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhal ma huma flus.

“Nigu issa ghall-kaz tal-lum.

“**Il-*common denominator* tad-diversi sub-paragrafi tal-Art 2156 tal-Kap 16 hija r-relazzjoni *ex contractu.* Fil-fehma konsiderata tal-Qorti r-*raison d`etre* ta` l-azzjoni skont l-Art 316 tal-Kap 386 mhijiex naxxenti minn relazzjoni guridika *ex contractu. Tutt`altro* kif diga` rrilevat aktar kmieni.**

“**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Art 2156(f) tal-Kap 16.**”

Rt ir-rikors tal-appell tal-konvenut Geoffrey Farrugia li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti jogħġobha:

“… … … tilqa’ dan l-umli appell u b’hekk tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta’ Marzu 2016 fl-ismijiet “Riċevitur Uffiċċjali fil-kapaċita` tiegħu ta’

> stralċjarju tal-kumpanija Smart Malta ICT Limited (41884) skont digriet data 30 ta' Marzu 2010 vs. (i) Steve Alamango (ii) Geoffrey Farrugia" (Rikors Maħluf Numru 61/2015 JZM), u minflok tilqa' l-ewwel eċċezzjoni ta' l-esponenti, u tiċħad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Steve Alamango li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnu premessi talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza parzjali fl-ismijiet premessi tat-8 ta' Marzu 2016 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-esponent ċioe` l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-attur noe. Bl-ispejjeż kontra l-attur appellat.

Rat iż-żewġ risposti li ressaq l-attur appellat li in forza tagħhom, għar-raġunijiet minnu premessi, issottometta li ż-żewġ appelli għandhom jiġu miċħuda u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawża, l-attur kien inħatar bħala stralċjarju tas-soċjeta` Smart Malta ICT, wara li din il-kumpanija ġiet xolta fi stat ta' insolvenza b'effett

mit-30 ta' Settembru, 2009. Fil-kors tax-xogħol tiegħu, l-attur sab li l-konvenuti, bħala diretturi tal-kumpanija, kisru l-obbligi imposti fuqhom mil-liġi, u wkoll kienu aġixxew ħażin u/jew bi frodi. Peress illi l-kumpanija ma għandhiex assi biżżejjed biex tħallas id-djun, talab biex il-konvenuti personalment jiġu kkundannati jagħmlu pagament favur l-attiv tal-kumpanija ta' mill-inqas €50,863.

Iż-żewġ konvenuti eċċepew in linea preliminari illi l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 u/jew 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili.

L-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi hi preskritta, u ż-żewġ konvenuti appellaw separatament bid-deċiżjoni. Peress illi l-meritu taż-żewġ appelli huwa, bejn wieħed u ieħor l-istess, din il-Qorti sejra titratta ż-żewġ appelli flimkien.

Din il-Qorti tibda biex tosserva li, fil-kuntest tal-preskrizzjonijiet il-qosra, "*id-disposizzjonijiet tal-liġi li jirregolawha ma għandhomx jiġu interpretati estensivament minn każ għall-ieħor*" – **Portelli v. C. Fino & Sons Ltd**, deċiża minn din il-Qorti fis-7 ta' April, 1997. Għandhom japplikaw strettament għal każijiet li jipprovdu.

Fir-rigward tal-preskrizzjoni a bażi tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, din il-Qorti taqbel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti li l-azzjoni attriċi ma hijiex

waħda għall-"*ħlas ta' ħsarat*" mhix ikkaġunati b'reat. L-attur, f'isem is-soċjeta` issa fi stralċ, mhux qed jitlob ħlas ta' danni fis-sens li tiftiehem din il-frażi fl-ordinament ġuridiku Malti. L-attur qed jitlob li l-konvenuti jikkompensaw lill-istess soċjeta` talli, konsegwenza tal-aġir tagħhom, din spiċċat b'passiv li jissupera l-attiv. Azzjoni normali ta' danni tista' tintalab minn kull vittma, anke jekk huwa jkollu assi personali biżżejjed biex iħallas kull dejn li għandu. F'din l-azzjoni, il-kontribuzzjoni tista' tintalab biss meta l-passiv jissupera l-attiv, u tintalab preċiżament bi skop li jitħallsu d-djun tal-kumpanija. L-iskop u n-natura taż-żewġ azzjonijiet huma differenti. Din l-azzjoni ma hijiex waħda għad-danni per se, iżda biex id-direttur responsabbli jagħmel pagament favur l-attiv tal-kumpanija, u dan fl-interess tal-kumpanija u biss meta din tkun waqfet topera.

Kif intqal fil-ktieb "Farrars' Company Law" (paġna 739) li għalih saret anke referenza mill-appellant Farrugia:

> "Once liability is established, the extent of any contribution to the company assets is a matter for the court's discretion and the aim here is primarily compensatory rather than penal to ensure that any depletion of the assets attributable to the period of wrongful trading is made good."

L-iskop ta' din il-kontribuzzjoni hija, biex ngħidu, "*to balance the books*", u mhux bħala kumpens għad-danni kkaġunati. Tnaqqis li issofri soċjeta` fil-bilanċ tagħha, ma hux danni, iżda żbilanċ li, f'każ ta' kummerċ ħażin, u f'każ biss ta' stralċ tas-soċjeta`, irid jagħmel tajjeb għalih id-direttur

responsabbli. Diment li s-soċjeta` tkun għadha topera, dan l-iżbilanċ fil-kotba tal-kumpanija ma jitqiesx "danni" li xi ħadd ikun irid jagħmel tajjeb għalih, iżda parti mill-operazzjoni tan-negozju, xi kultant indotta volontarjament għall-fini ta' benefiċċju fiskali. L-iżbilanċ, għalhekk mhux "ħsara" fis-sens tal-Artikolu 2153 imsemmi, iżda nuqqas ta' parita` bejn l-attiv u passiv li tħalla jipperdura meta d-direttur kien jaf jew seta' kien jaf li dak l-istat ta' insolvenza ma kienx realistikament possibbli li jitwarrab.

L-aggravju relattiv bażat fuq l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili qed jiġi miċħud.

Fir-rigward tal-preskrizzjoni a bażi tal-Artikolu 2156(f) tal-istess Kodiċi Ċivili, anke hawn din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti meta din qieset li anke dan l-artikolu mhux applikabbli għall-każ. Hija ġurisprudenza akkreditata li dan is-sub-artikolu li jitkellem fuq azzjonijiet għall-ħlas ta' kull <u>kreditu</u> ieħor, irid jinqara skont il-prinċipju ta' *eiusdem generis*, b'dan li għandha tiġbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra tal-jeddijet imsemmija fil-paragrafi l-oħrajn. Talba għall-kontribuzzjoni lejn l-attiv tal-kumpanija fi stat ta' stralċ hija *toto caeli* differenti mill-azzjonijiet ta' ħlas komtemplati fl-imsemmi Artikolu 2156. Din l-azzjoni ma hijiex talba għal xi ħlas ta' xi kreditu li jirreferi għalihom l-imsemmi Artikolu, iżda talba għall-kontribuzzjoni għall-fini li jiġu bilanċjati l-kotba tal-kumpanija.

It-talba mhix waħda min kreditur biex jiġbor il-ħlas dovut lilu, iżda t-talba hi fl-interess tal-attiv tal-kumpanija issa fi stadju ta' stralċ, u r-relazzjoni guridika hija bejn l-istess kumpanija u d-diretturi – il-kredituri, f'dan l-istadju, ma humiex involuti fl-azzjoni.

Oltre dan, u dan jgħodd għaż-żewġ preskrizzjoniet sollevati mill-konvenuti, huwa risaput li min jeċepixxi l-preskrizzjoni jrid hu juri d-*dies a quo*, jiġifieri li juri minn meta skatta l-perjodu ta' preskrizzjoni. Min jeċepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jagħmel prova sodisfaċenti tad-data meta l-perjodu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri għaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le (ara **Scicluna v. Maltaposta plc et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Settembru, 2012, u l-ġurisprudenza li għaliha saret referenza f'dik is-sentenza).

Fil-fehma ta' din il-Qorti, it-terminu ta' preskrizzjoni ma jibdiex jiddekorri mid-data tal-istralċ, għax din tista' tkun riżultat ta' nuqqas ta' likwidita` u mhux neċessarjament minħabba insolvenza, iżda minn meta l-istralċjarju jkun reġonevolment mistenni li, wara eżami tal-kotba tal-kumpanija, ikun sab li jeżisti verament stat ta' insolvenza u li jeżistu l-elementi ta'negozju ħażin da parti tad-diretturi. Dan il-mument ma ġiex ippruvat meta seħħ.

Fid-dawl ta' dan kollu għamlet sew l-ewwel Qorti li ċaħdet iż-żewġ preskrizzjonijiet sollevati.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appelli taż-żewġ konvenuti billi tiċħadhom it-tnejn u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjeż inkorsi sa issa jitħallsu mill-appellanti.

L-atti qed jiġu rinvjati lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df